32000L0024

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 2000/24/KE

tat-28 ta' April 2000

li temenda l-Annessi tad-Direttivi tal-Kunsill 76/895/KEE, 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE dwar l-iffissar ta' livelli massimi għar-residwi tal-pestiċidi fiċ-ċereali, oġġetti ta' l-ikel ta' oriġini mill-annimali u ċerti prodotti ta' oriġini mill-pjanti, inklużi l-frott u l-ħxejjex rispettivament

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 76/895/KEE tat-23 ta' Novembru 1976 li tirrelata ma' l-iffissar ta' l-għola livelli ta' residwi ta' pestiċidi fi u fuq frott u ħxejjex ([1]), kif l-aħħar emendat bid-Direttiva 97/41/KE ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 86/362/KEE ta' l-24 ta' Lulju 1986 dwar l-ifissar ta' l-għola livelli ta' residwi ta' pestiċidi fi u fuq ċereali ([3]), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/71/KE ([4]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 86/363/KEE ta' l-24 ta' Lulju 1986 dwar l-iffissar ta' l-għola livelli ta' residwi ta' pestiċidi fi u fuq oġġetti ta' l-ikel ta' oriġini ta' l-annimali ([5]), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/71/KE (4), u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/642/KEE tas-27 ta' Novembru 1986 dwar l-iffissar ta' l-għola livelli ta' residwi ta' pestiċidi fi u fuq prodotti ta' oriġini ta' pjanti, inklużi l-frott u l-ħxejjex ([6]), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 1999/71/KE (4), u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tagħha,

Billi:

(1) Għaċ-ċereali u prodotti ta' oriġini mill-pjanti, inklużi l-frott u l-ħxejjex, il-livell massimu ta' residwi jirrifletti l-użu ta' kwantità minima ta' pestiċida sabiex tinkiseb il-protezzjoni effettiva tal-pjanti, applikata b'tali mod li l-ammont ta' residwi jkun l-anqas prattikabbli u huwa tossikoloġikament aċċettabbli, b'mod partikolari in vista tal-protezzjoni ta' l-ambjent u f'termini ta' konsum dietetiku ikkalkolat. Għall-oġġetti ta' l-ikel ta' oriġini mill-annimali, il-livell massimu ta' residwi jirrifletti l-konsum ta' ċereali u prodotti ta' oriġini mill-pjanti trattati b'pestiċida li jirriżultaw f'residwi fl-annimali u prodotti mill-annimali, kif ukoll billi jittieħed akkont tal-konsegwenzi diretti ta' l-użu ta' mediċini veterinarji meta xieraq.

(2) Il-livelli massimi huma stabbiliti fil-limitu l-aktar baxx tad-determinazzjoni analitika meta l-użu awtorizzat tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ma jirriżultax f'livelli li tista' tinduna bihom ta' residwi ta' pestiċida fi jew fuq il-prodott ta' l-ikel, jew meta ma hemmx awtorizzazzjoni għall-użu, jew meta l-użu li jkun ġie awtorizzat mill-Istati Membri ma jkunx ġie sostnut mill-informazzjoni meħtieġa, jew meta l-użu f'pajjiżi terzi jirriżulta f'residwi fi jew fuq il-prodotti ta' l-ikel li jistgħu jidħlu fiċ-ċirkolazzjoni fis-suq tal-Komunità ma jkunux ġew sostnuti minn informazzjoni bħal din.

(3) Il-livelli massimi ta' residwi għall-pestiċida għandhom ikunu miżmuma taħt reviżjoni kontinwa. Il-livelli jistgħu jinbidlu sabiex jittieħed akkont ta' l-informazzjoni l-ġdida u d-dettalji

([1]) ĠU L 340, tad-9.12.1976, p. 26.
([2]) ĠU L 184, tat-12.7.1997, p. 33.
([3]) ĠU L 221, tas-7.8.1986, p. 37.
([4]) ĠU L 194, tas-27.7.1999, p. 36.
([5]) ĠU L 221, tas-7.8.1986, p. 43.
([6]) ĠU L 350, ta' l-14.12.1990, p. 71.

(4) *Aramite, barban, chlorobenzilate, chlorofensn, chloroxuron, chlorbenside, 1,1-dichloro- 2,2-bis (4-ethyl-phenyl-) ethane* u *dillate* jew ma humiex aktar awtorizzati għall-użu fil-Komunità jew inkella ma humiex aktar użati fil-livell tal-Komunità. Ir-residwi ta' l-aramite u l-chlorofenson ġew imħassra mill-Anness II tad-Direttiva 76/895/KEE bid-Direttiva tal-Kunsill 82/528/KEE ([1]) iżda sa minn dak iż-żmien ma ġewx miżjuda ma' l-Annessi tad-Direttivi 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE. Ir-residwi ta' l-aramite u l-chlorofenson kienu ġew imħassra mill-Anness II tad-Direttiva 76/895/KEE bid-Direttiva tal-Kunsill 93/58/KEE ([2]) iżda minn dak iż-żmien ma ġewx miżjuda ma' l-Annessi tad-Direttivi 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE. Huwa meħtieġ li jiżdiedu dawn ir-residwi kollha ma' l-Annessi tad-Direttivi 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE sabiex jippermettu sorveljanza xierqa u kontroll ta' l-użu tagħhom u biex jipproteġu lill-konsumatur.

(5) Awtorizzazzjonijiet illimitati għadhom jeżistu fil-Komunità għall-chlorbufam u methoxychlor. L-użu awtorizzat m'għandux ikun mistenni li jwassal għal residwi fl-ikel li tista' tinduna bihom. Il-livelli massimi ta' residwi kienu ġew stabbiliti fl-Anness II tad-Direttiva 76/895/KEE għal dawn ir-residwi.

(6) Sabiex ikunu stabbiliti l-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċida għall-*barban, chlorbufam, chlorbenzilate, chloroxuron, diallate* u *methoxychlor* fil-livell tal-Komunità huwa meħtieġ li jsir trasferiment tad-disposizzjonijiet mid-Direttiva 76/895/KEE għad-Direttivi 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE. Uħud minn dawn id-disposizzjonijiet għandhom ikunu emendati fid-dawl tal-progress xjentifiku u teknoloġiku kif ukoll bħala kambjamenti fl-użu u l-awtorizzazzjonijiet fuq il-livelli nazzjonali u tal-Komunità

(7) Il-livelli massimi tar-residwi tal-Komunità u tal-livelli rrakkomandati mill-*Codex Alimentarius* huma stabbiliti u evalutati b'segwiment ta' proċeduri simili. Bl-eċċezzjoni ta' *chlorobenzilate*. l-ebda limiti *Codex* massimi tar-residwi ma kienu ġew stabbiliti għas-sostanzi attivi koperti b'din id-Direttiva. Il-livell *Codex* massimu tar-residwi għall-*chlorobenzilate* kienu ġew imneħħija ([3]). L-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiżi terzi jistgħu jeħtieġu l-użu ta' kwantitajiet akbar ta' pestiċida jew f'intervalli aqsar ta' qabel il-ħsad milli huma awtorizzati fil-Komunità u li konsegwentement jistgħu jeħtieġu livelli ogħla ta' residwi. L-imsieħba tal-kummerċ tal-Komunità kienu ġew ikkonsultati dwar il-livelli stabbiliti f'din id-Direttiva permezz ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u l-kummenti tagħhom fuq dawn il-livelli kienu ġew ikkunsidrati u diskussi mill-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti. Il-possibbiltà li jkunu stabbiliti livelli massimi dwar it-tolleranza fuq l-importazzjoni għall-għaqdiet speċifiċi ta' pestiċida/uċuħ għandhom ikunu eżaminati mill-Komunità Ewropea fuq il-bażi tal-preżentazzjoni ta' informazzjoni aċċettabbli.

(8) Il-livell massimu ta' residwi stabbilit f'din id-Direttiva jista' jkun rivedut fil-qafas ta' re-evalutazzjoni ta' sostanzi attivi li hemm provvediment dwarhom fil-programm tax-xogħol stabbilit fl-Artikolu 8 (2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li jikkonċerna t-tqegħid tal-prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti fis-suq ([4]), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/80/KE ([5])

(9) Il-livell massimu tar-residwi għall-*cartap* fit-tè kien ġie stabbilit għal 20mg/kg fil-leġislazzjoni tal-Komunità fuq il-bażi ta' l-informazzjoni li tinsab fil-*Codex Alimentarius*. Id-29 laqgħa tal-Kumitat *Codex* dwar ir-Residwi tal-Pestiċida irrakkomandat li l-MRLs kollha għas-sostanza attiva jkunu rtirati ([6]).

(10) Nuqqas ta' kjarezza fid-deskrizzjoni tal-kodiċi fl-Anness I u II tad-Direttiva 86/363/KEE wasslet għall-problemi fil-klassifikazzjoni ta' kampjuni għall-iskopijiet tal-proċedura tan-notifika permezz ta' l-Artikolu 7 tad-Direttiva 86/363/KEE.

(11) DDT mhux awtorizzat għall-użu bħala prodott għall-protezzjoni tal-pjanti fil-Komunità. Il-livell massimu ta' residwi għad-DDT fil-bajd ta' l-għasafar u fl-isfar tal-bajd ta' 0.1 mg/kg kien ġie ddikjarat fil-leġislazzjoni tal-Komunità bid-Direttiva tal-Kunsill 93/57/KEE ([7]) sabiex jippermettu għall-possibbiltà li kontaminazzjoni ta' l-ambjent minħabba r-residwi twassal għall-residwi ta' DDT fil-bajd. Dettalji ta' moniteraġġ għad-DDT fil-bajd fl-Istati Membri tal-Komunità u fin-Norveġja jindikaw li dan il-livell massimu jista' jitnaqqas.

([1]) ĠU L 234, tad-9.8.1982,p. 1.
([2]) ĠU L 211, tat-23.8.1993, p. 6.
([3]) ALINORM 93/24A.
([4]) ĠU L 230, tad-19.8.1991,p. 1.
([5]) ĠU L 210, ta' l-10.8.1999, p. 13.
([6]) ALINORM 97/24A. L-Anness II.
([7]) ĠU L 211, tat-23.8.1993, p. 1.

(12) Din id-Direttiva hija bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

L-Anness II tad-Direttiva 76/895/KEE huwa hawnhekk emendat kif ġej:

1. Id-dħul irrelatati mal-*chlorobenzilate, chloroxuron* u *methoxychlo* r għandhom jiġu mħassra.

2. Il-gruppaġġ "*barban, chloropharm, chlorbufam*" għandhom ikunu mibdula bil-"*chlorporpharm*"

3. Il-gruppaġġ "*diallate, triallate*" għandhom ikunu mibdula bil-"*triallate*"

L-Artikolu 2

Id-Direttiva 86/362/KEE hija hawnhekk emendata kif ġej:

Il-residwi tal-pestiċida segwenti għandhom ikunu miżjuda mal-Parti A ta' l-Anness II:

Residwi tal-pestiċida	Livell massimu (mg/kg)
Barban	0,05 (*)
Chlorobenzilate	0,02 (*)
Chlorobufam	0,05 (*)
Chlorbenside	0,01 (*)
Chloroxuron	0,05 (*)
Aramite	0,01 (*)
Chlorfenson	0,01 (*)
Methoxychior	0,01 (*)
1,1-dichloro-2,2-bis (4-ethyl-phenyl-) ethane	0,01 (*)
Diallate	0,05 (*)

(*) Jindika limitu aktar baxx ta' determinazzjoni analitika.

L-Artikolu 3

Id-Direttiva 86/363/KEE hija hawnhekk emendata kif ġej:

1. Il-residwi tal-pestiċidi segwenti għandhom ikunu miżjuda mal-parti A ta' l-Anness II:

Residwi tal-pestiċida	Livell massimu (mg/kg)		
	Ta' xaham li jinsab fil-laham, preparazzjoni ta' laham, irraċanċ u x-xaħmijiet ta' l-annimali elenkati fl-Anness 1 fil kodiċi NM Nri 0201, 0202, 0203, 0204, 0205 00 00,0206, 0207, ex 0208, 0209 00, 0210, 1601 00 u 1602 [1] [4]	Għall-ħalib tal-baqra u l-krema ntiera tal-ħalib tal-baqra elenkat fl-Anness 1 fil-kodiċi NM Nri 0401, 0402,0405 00, 0406 bi qbil ma' [2] [4]	Ta' bajd frisk bil-qoxra, f'bajd ta' l-għasafar u l-isfar tal-bajd elenkati fl-Anness I fil-kodiċi NM Nri 0407 00 u 0408 [3] [4]
Aramite	0,01 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)
Chlorfenson	0,05 (*)	0,05 (*)	0,05 (*)
Chloroxuron	0,05 (*)	0,05 (*)	0,05 (*)
Chlorbenside	0,05 (*)	0,05 (*)	0,05 (*)

Residwi tal-pestiċida	Livell massimu (mg/kg)		
	Ta' xaħam li jinsab fil-laħam, preparazzjoni ta' laħam, irraċanċ u x-xaħmijiet ta' l-annimali elenkati fl-Anness 1 fil kodiċi NM Nri 0201, 0202, 0203, 0204, 0205 00 00,0206, 0207, ex 0208, 0209 00, 0210, 1601 00 u 1602 (1) (4)	Għall-ħalib tal-baqra u l-krema ntiera tal-ħalib tal-baqra elenkat fl-Anness 1 fil-kodiċi NM Nri 0401, 0402,0405 00, 0406 bi qbil ma' (2) (4)	Ta' bajd frisk bil-qoxra, f'bajd ta' l-għasafar u l-isfar tal-bajd elenkati fl-Anness I fil-kodiċi NM Nri 0407 00 u 0408 (3) (4)
Methoxychlor	0,01 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)
1,1-dichloro-2,2-bis (4-ethyl-phenyl-) ethane	0,01 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)
Barban	0,05 (*)	0,05 (*)	0,05 (*)
Chlorobenzilat	0,1 (*)	0,1 (*)	0,1 (*)

(*) Jindika limitu aktar baxx ta' determinazzjoni analitika

(1) Fil-każ ta' oġġetti ta' l-ikel b'kontenut tax-xaħam ta' 10 % jew anqas bil-piż, ir-residwi huma rrelatati mal-piż totali ta' l-oġġetti ta' l-ikel bl-għadam. F'każi bħal dawn, il-livell massimu huwa wieħed minn għaxra tal-valur irrelatat mal-kontenut tax-xaħam, imma m'għandux ikun anqas minn 0,01 mg/kg.

(2) Fid-determinazzjoni tar-residwi fil-ħalib mhux misjur tal-baqra u krema ntiera tal-baqra, kontenut tal-grass ta' 4 % bil-piż għandu jittieħed bħala bażi. Għall-ħalib mhux misjur u tal-krema intiera tal-ħalib ta' oriġini minn xi annimal ieħor, ir-residwi huma espressi fuq il-bażi tal-grass. Għall-oġġetti ta' l-ikel oħrajn elenkati fl-Anness 1 taħt l-intestatura Nri 0401, 0402, 0405 00 u 0406:
— b'kontenut ta' grass ta' anqas minn 2 % bil-piż, il-livell massimu huwa meħud bħala nofs dak stabbilit għall-ħalib u ta' krema ntiera tal-ħalib
— b'kontenut ta' grass ta' 2 % jew aktar bil-piż, il-livell massimu huwa espress f'mg/kg ta' grass. F'każi bħal dawn, il-livell massimu huwa 25 darba dak stabbilit għall-ħalib frisk u għall-krema ntiera tal-ħalib.

(3) Għall-bajd u prodotti tal-bajd b'kontenut ta' xaħam oħla minn 10 %, il-livell massimu huwa espress mg/kg f'xaħam. F'dan il-każ, il-livell massimu huwa 10 darbiet oħla mil-livell massimu ta' bajd frisk.

(4) Noti fil-qiegħ tal-paġna (1) (2) (3) ma japplikawx meta l-limitu aktar baxx tad-determinazzjoni analitika tkun indikata.

2. Ir-residwi tal-pestiċidi segwenti għandhom ikunu miżjuda mal-parti B ta' l-Anness II:

Residwi tal-pestiċida	Livell Massimu (mg/kg)		
	Ta' laħam, inkluż ix-xaħam, preparazzjoni ta' laħam, raċanċ u x-xaħam ta' l-annimali elenkati fl-Anness 1 fil kodiċi NM Nri 0201, 0202, 0203, 0204, 0205 00 00, 0206, 0207, ex 0208, 0209 00, 0210, 1601 00 u 1602	Għall-ħalib u prodotti tal-ħalib elenkati fl-Anness 1 fil-kodiċi NM Nri 0401, 0402, 0405 00 u 0406:	Ta' bajd frisk bil-qoxra Għall-bajd ta' l-għasafar u l-isfar tal-bajd elenkati fl-Anness 1 fil-kodiċi NM Nri 0407 00 u 0408
Chlorobufam	0,05 (*)	0,05 (*)	0,05 (*)
Diallate	0,2 (*)	0,2 (*)	0,2 (*)

(*) Jindika limitu aktar baxx tad-determinazzjoni analitika.

3. Fl-Anness I, it-test fil-kolonna "Deskrizzjoni" li tikkorrispondi mal-kodiċi NM ex 0208 għandu jkun mibdul bit-test "Laħam ieħor u raċanċ li jittiekel ta' ħamiem domestiku, fniek domestiċi u tal-kaċċa, frisk, imkessaħ jew iffriżat".

4. Fl-Anness II, fit-tabelli fil-Partijiet A u B, fil-kolonna "laħam", it-test "ex 0201" għandu jkunu mibdul bit-test "0201"

5. Fl-Anness II, fit-tabella fil-Parti A, fil-kolonna rrelatata mal-bajd ta' l-għasafar u isfar tal-bajd, il-valur ta' 0,1 mg/kg għad-DDT għandu jkun mibdul bil-valur 0,05 mg/kg.

L-Artikolu 4

Id-Direttiva 90/642/KEE hija hawnhekk emendata kif ġej:

1. Ir-residwi tal-pestiċida segwenti għandhom ikunu miżjuda mal-Parti A ta' l-Anness II:

Gruppi u eżempju ta' prodotti individwali li dwarhom ikunu japplikaw l-MRL	Residwi tal-pestiċidi u l-livelli massimi tar-residwi									
	Methoxy-chlor	Barban	Aramite	Chlorfenson	Chlorobenzilate	Chlorbufam	Chloroxuron	Chlorbenside	Diallate	1,1-Dichloro-2,2-bis (4-ethyl - phe-nyl-) ethane
1. **Frott, frisk, imqadded jew mhux imsajjar, ippreservat bil-friża, li ma fihx żieda ta' zokkor; ġewż**	0,01 (*)	0,05 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)	0,02 (*)	0,05 (*)	0,05 (*)	0,01 (*)	0,05 (*)	0,01 (*)
(I) FROTT TAĊ-ĊITRU (TA' L-AGRUMI)										
Tronġiet										
Lumi										
Xkomp										
Mandolina (inklużi n-nettarini u ibridi oħrajn)										
Lariġ										
Pomeli										
Oħrajn										
(II) ĠEWZ TAS-SIĠAR (bil-fosdqa jew mingħajrha)										
Lewż										
Ġewż tal-Brażil										
Ġewż tal-kexju										
Qastan										
Ġewż tal' l-indi										
Ġellewż										
Makadamja										
Pekani										
Ġewż ta' l-arżnu (prinjoli)										
Pistaċċi										
Ġewż										
Oħrajn										
(III) FROTT TAL-POMÈ (Tar-razza tat-tuffieħ)										
Tuffieħ										
Lanġas										
Kwinċi										
Oħrajn										
(IV) FROTT TA' L-GĦADMA										
Berquq										
Ċirasa										
Ħawħ (inklużi n-nuċiprisk										
għanbaqar										
Oħrajn										

Gruppi u eżempju ta' prodotti individwali li dwarhom ikunu japplikaw l-MRL	Residwi tal-pestiċidi u l-livelli massimi tar-residwi									
	Methoxy-chlor	Barban	Aramite	Chlorfenson	Chlorobenzilate	Chlorbufam	Chloroxuron	Chlorbenside	Diallate	1,1-Dichloro-2,2-bis (4-ethyl-phe-nyl-) ethane
(V) KUKKU U FROTT ŻGĦIR IEĦOR										
(a) Għeneb għal-mejda u għall-inbid										
Għeneb għal-mejda										
Għeneb għall-inbid										
(b) Frawli (apparti milli selvaġġ)										
(ċ) Frott tal-qasab (apparti milli selvaġġ)										
Tut										
Għanqbra (dewberries)										
Loganberries										
Ċawsli										
Oħrajn										
(d) Frott u kukku żgħir ieħor (apparti milli selvaġġ)										
Billberries (frotta ta' l-ispeċi *Vaccinium myrtillus*)										
Cranberries										
Passulina (ħamra, sewda u bajda)										
Gooseberries										
Oħrajn										
(e) Kukku selvaġġ u frott selvaġġ										
(VI) FROTT VARJU										
Avokadi										
Banana										
Tamal										
Tin										
Kiwi										
Kumkwatt										
Litċji										
Mangi										
Żebbuġ										
Frott tal-passjoni										
Ananas										
Rummien										
Oħrajn										
2. **Ħxejjex, friski jew mhux imsajra, iffriżati jew niexfa**	0,01 (*)	0,05 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)	0,02 (*)	0,05 (*)	0,05 (*)	0,01 (*)	0,05 (*)	0,01 (*)
(I) ĦXEJJEX TA' L-GĦERUQ U TUBERI										
Pitravi										
Karrotti										
Krafes ħoxnin										

Gruppi u eżempju ta' prodotti individwali li dwarhom ikunu japplikaw l-MRL	Residwi tal-pestiċidi u l-livelli massimi tar-residwi									
	Methoxy-chlor	Barban	Aramite	Chlorfenson	Chlorobenzilate	Chlorbufam	Chloroxuron	Chlorbenside	Diallate	1,1-Dichloro-2,2-bis (4-ethyl-phe-nyl-) ethane
Ravanell										
Artiċokk										
Zunnarija safra										
Għeruq tat-tursin										
Ravanell (abjad)										
Salsafja										
Patata ħelwa										
Lift										
Nevew										
Jami										
Oħrajn										
(II) ĦAXIX TAL-BASLA										
Tewm										
Basal										
Basal abjad										
Basal frisk										
Oħrajn										
(III) ĦXEJJEX TAL-FROTT										
(a) Solanaċea										
Tadam										
Bżar										
Bżar aħmar										
Brunġiel										
Oħrajn										
(b) Kukubrit — Qoxra li tittiekel										
Ħjar										
Ħjar żgħir										
Qagħra bagħli										
Oħrajn										
(ċ) Kukubrit — Qoxra li ma tittikilx										
Bettieħ										
Il-bieba tal-qara'										
Dulliegħ										
Oħrajn										
(d) Qamħ-ir-rum										
(IV) ĦAXIX TAL-BRASSIKA										
(a) Brassika bil-fjuri										
Brokkoli										
Pastard										
Oħrajn										
(b) Brassica forma ta' ras										
Brussels sprouts										
Kaboċċa forma ta' ras										
Oħrajn										

Gruppi u eżempju ta' prodotti individwali li dwarhom ikunu japplikaw l-MRL	Residwi tal-pestiċidi u l-livelli massimi tar-residwi									
	Methoxy-chlor	Barban	Aramite	Chlorfenson	Chlorobenzilate	Chlorbufam	Chloroxuron	Chlorbenside	Diallate	1,1-Dichloro-2,2-bis (4-ethyl-phe-nyl-) ethane
(ċ) Brassica bil-weraq										
Kaboċċa ċiniża										
Kale										
Oħrajn										
(d) Kohlrabi										
(V) ĦAXIX TAL-WERAQ U ĦWAWAR FRISKI										
(a) Ħass u simili										
Krexxun										
Ħass ikkabuċċjat										
Ħass										
Skarole										
Oħrajn										
(b) Spinaċi u simili										
Spinaċi										
Weraq tal-pitravi (segala)										
Oħrajn										
(ċ) Krexxuni										
(d) Witluf										
(e) Ħwawar										
Maxxita										
Kurrat selvaġġ										
Tursin										
Weraq tal-krafes										
Oħrajn										
(VI) ĦXEJJEX LEGUMINUŻI (friski)										
Fażola (fil-miżwed)										
Fażola (mingħajr il-miżwed)										
Piżelli (fil-miżwed)										
Piżelli (mingħajr il-miżwed)										
Oħrajn										
(VII) ĦXEJJEX TAZ-ZOKK (friski)										
Asparaġi										
Karduni										
Krafes										
Busbież										
Qaqoċċ										
Kurrat										
Rabarbru										
Oħrajn										
(VIII) FAQQIEGĦ (fungi)										
(a) Faqqiegħ ikkultivat										
(b) Faqqiegħ selvaġġ										

Gruppi u eżempju ta' prodotti individwali li dwarhom ikunu japplikaw l-MRL	Residwi tal-pestiċidi u l-livelli massimi tar-residwi									
	Methoxy-chlor	Barban	Aramite	Chlorfenson	Chlorobenzilate	Chlorbufam	Chloroxuron	Chlorbenside	Diallate	1,1-Dichloro-2,2-bis (4-ethyl-phe-nyl-) ethane
3. **Ħaxix tal' l-imżiewed**	0,01 (*)	0,05 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)	0,02 (*)	0,05 (*)	0,05 (*)	0,01 (*)	0,05 (*)	0,01 (*)
Fażola										
Għads										
Piżelli										
Oħrajn										
4. **Żrieragħ taż-żejt**	0,01 (*)	0,05 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)	0,02 (*)	0,05 (*)	0,05 (*)	0,01 (*)	0,05 (*)	0,01 (*)
Kittien										
Karawett										
Żerriegħa tal-peprin										
Żerriegħa tal-ġulġliel										
Żerriegħa tal-ġirasol										
Żerriegħa tar-rapa (tal-lift)										
Żerriegħa tas-sojja										
Żerriegħa tal-mustarda										
Żeriegħa tal-qoton										
Oħrajn										
5. **Patata**	0,01 (*)	0,05 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)	0,02 (*)	0,05 (*)	0,05 (*)	0,01 (*)	0,05 (*)	0,01 (*)
Patata bikrija										
Patata Ware										
6. **Tè** (weraq u zkuk niexfa, iffermentati jew xort' oħra, Camiellia sinensis)	0,1 (*)	0,1 (*)	0,1 (*)	0,1 (*)	0,1 (*)	0,1 (*)	0,1 (*)	0,1 (*)	0,1 (*)	0,1 (*)
7. **Ħops** (imnixxef) inklużi l-gerbub tal-hops u trab mhux ipproċessat	0,1 (*)	0,1 (*)	0,1 (*)	0,1 (*)	0,1 (*)	0,1 (*)	0,1 (*)	0,1 (*)	0,1 (*)	0,1 (*)

(*) Tindika limitu aktar baxx tad-determinazzjoni analitika.

2. Fit-test Ġermaniż, fl-Annessi I u II, fil-grupp "2.5 (a) Salat u. Á.", it-terminu "Kopfsalat" għandu jkun mibdul bit-terminu "Salat".

3. Fit-test Olandiż, fl-Annessi I u II, fil-grupp "2.5 (a) Sla en dergelijke", it-terminu "Kropsla/i jsbergsla" għandu jkun mibdul bit-terminu "Sla".

4. Fl-Anness II, il-livell massimu ta' residwi għall-*cartap* fit-tè (weraq niexef u zkuk, iffermentati jew mod ieħor, *Camellia sinesis*) għandu jkun stabbilit għal 0,1 (*) mg/kg (meta (*) tindika li dan il-livell huwa fil-limitu aktar baxx tad-determinazzjoni analitika).

L-Artikolu 5

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

2. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-miżuri leġislattivi, regolatorji jew amministrattivi li jkunu konformi ma' din id-Direttiva sal-31 ta' Diċembru 2000. Għandhom immedjatament jinfurmaw lill-Kummissjoni.

3. Għandhom japplikaw dawn il-miżuri mill-1 ta' Jannar 2001.

4. Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza filwaqt tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Stati Membri għandhom jadottaw proċeduri għal referenza bħal din.

L-Artikolu 6

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-28 ta' April 2000.

Għall-Kummissjoni
David BYRNE
Membru tal-Kummissjoni